MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Numru. 104/2009

Il-Pulizija

(Spettur Josric Mifsud)

Vs

Pauline Portelli, ta' 53 sena, mart Carmelo Portelli, bint Louis Cardona u Judit nee' Azzopardi, imwielda Xewkija, nhar it-23 ta' Awwissu 1956, residenti fil-fond Qalb ta' Gesu, Triq ta' Mulejja, Fontana, Ghawdex u detentrici tal-karta tal-identita' 47756(G)

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Pauline Portelli li permezz taghha hija giet akkuzata talli nhar id-19 ta' Ottubru 2009, gewwa l-Fontana (Ghawdex) ghal habta tas-siegha u kwart ta' wara nofs in-nhar (1315hrs):

a. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Carmel Portelli f'periklu car ikkagunatlu griehi ta' natura gravi skond ma iccertifika Dr. M. Saliba MD.
b. Ukoll talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u bil-glied u dana bi ksur ta'l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tad-29 ta' Marzu 2010.

Semghet illi l-imputata ma kellhiex oggezzjoni sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti rrizulta illi nqala' argument bejn l-imputata u zewgha Carmelo Portelli. Jidher li bejn il-koppja Portelli hemm disgwid matrimonjali u fil-fatt il-koppja qeghdin fil-process li jisseparaw. Illi minn dak mistqarr mid-difensuri taghhom fil-kors tat-trattazzoni ta' dina l-kawza, jidher illi l-koppja qeghdin jippruvaw jilhqu ftehim u jisseparaw bil-kwiet u dana ghaliex jidher illi l-problemi li hemm fir-relazzjoni taghhom matrimonjali huma serji u ma hemmx tama ta' rikonciljazzjoni. Fil-fatt jidher illi l-koppja kellhom anke jfittxu l-ghajnuna ta' nies professjonali sabiex ighinuhom f'dina s-sitwazzjoni difficli li jinsabu fiha. Illi fid-dawl ta' dina s-sitwazzjoni, l-parti leza u cioe' Carmelo Portelli esprima x-xewqa illi ma jixhidx fil-konfront ta' martu in konnessjoni mal-incident mertu ta' dina l-kawza. Jidher inoltre mix-xhieda ta' Dr. Mario Saliba illi l-istess Portelli ma sofriex griehi ta' natura gravi billi l-qasma li kellu fuq xufftejh ma halliet l-ebda marka

permanenti u llum fieqet kompletament[1]. Illi fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi billi dana kien kaz klassiku ta' vjolenza domestika, il-Qorti laqghet ix-xewqa tal-parte civile u ezentatu milli jaghti x-xhieda tieghu.

Illi minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-uniku xhud li kien hemm ghal dana l-incident kien il-parte civile stess Carmelo Portelli. Billi dina kienet tilwima li sehhet fid-dar konjugali bejn il-koppja, il-pulizija gew imsejha wara u kwindi x-xhieda taghhom tirrifletti biss dak li stqarrew il-koppja Portelli maghhom meta waslu fuq il-post.[2] Illi l-Qorti ma tistax tistrieh fuq dina x-xhieda ghal sejbien ta' htija fil-konfront tal-imputata billi dak mistqarr minnha lill-pulizija *a tempo vergine* minghajr ma nghatat l-ebda twissija skond il-ligi ma tistax tikkostitwixxi prova kontra taghha.

Illi inoltre ghalkemm l-ufficjal prosekutur isemmi xi stqarrija li giet rilaxxjata mill-imputata, madanakollu dina ma tinsabx esebita fl-atti.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputata mill-akkuza migjuba fil-konfront taghha fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Ara xhieda ta' Dr. Mario Saliba a fol.26
[2] Ara xhieda ta' PS559 Jason Spiteri u PS664 Jason Xerri a fols. 15 u 17 rispettivament